MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2629/2002

**V.J. Salomone (Consumer Lines) Limited
vs**

**Sharon u zewgha Calhed mizzewgin Al Gededi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fil-5 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm720.72), rapprezentanti prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom;
Bl-ispejjez u bl-imghax legali sa l-effettiv pagament.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Paula Vella ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm720.72) bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Novembru, 2002 sa l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------